Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11116 – HEDIN / DELTA AUTO)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 218/06)

1. Fl-14 ta' Ġunju 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Hedin Automotive Oy ("Hedin", il-Finlandja), li tappartjeni għal Hedin Mobility Group AB (l-Iżvezja),

— Delta Auto Oy ("Delta Auto", il-Finlandja).

Hedin se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Delta Auto.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Hedin hija attiva fil-bejgħ lill-konsumatur ta' karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda u użati, il-forniment ta' servizzi ta' tiswija u manutenzjoni u l-bejgħ lill-konsumatur ta' spare parts ta' tagħmir oriġinali fil-Finlandja,

— Delta Auto hija attiva fil-bejgħ lill-konsumatur ta' karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda u użati, il-forniment ta' servizzi ta' tiswija u manutenzjoni u l-bejgħ lill-konsumatur ta' spare parts ta' tagħmir oriġinali fil-Finlandja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11116 – HEDIN / DELTA AUTO

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").